MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 307/2006

**MICHAEL ATTARD LIMITED C-32362**

**V**

**DOTTOR ANTHONY CUTAJAR**
**nominat b'digriet tad-disgha ta Frar 2007 nominat bhala kuratur deputat sabiex jirrapresenta lil Amgad u Rita konjugi Elmily assenti minn dawn il-Gzejjer.**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar ghaxra ta' Ottubru 2006 permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' elfejn u ghoxrin lira u tnejn u erbghin centesmu maltin (LM2020.42) import ta' wiehed u ghoxrin kambjala ta' sitta u disghin lira u wiehed u disghin centesmu ( LM96.91) kull wahda skaduti bejn is-sitta w ghoxrin [26] ta' Gunju 2004 u s-sitta w ghoxrin [26] ta' Frar 2006 oltre l-imghaxijiet

legali fuq kull kambjala skaduta mid-data ta’ kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tad-disgha [9] ta’ Marzu 2007 xehed Damien Borg ghan-nom u in rappreseentaza tas-socjeta attrici u kkonferma li l-assenti konjugi Elmily ma ghamlu l-ebda pagament minn dak dovut lilhom u ghalhekk l-ammont mitlub fic-citazzjoni huwa kollu dovut.

L-avukat difensur tas-socjeta attrici ddikjara ukoll li s-socjeta attrici m’ghandhiex tgharif dwar l-indirizz tal-konjugi assenti.

Dr. Anthony Cutajar kuratur deputat nominat b’digriet tad-disgha [9] ta’ Frar 2007 ddikjara li kien ser jippresenta nota t’ eccezzjonijiet tieghu fir-Registru ta’ din il-Qorti.

Rat li l-konvenut ippresenta n-nota t’eccezzjonijiet tieghu fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar t-tnax ta’ Marzu 2007 w eccepixxa li f’dan l-istadju mhux edott mill-fatti w ghalhekk irrizerva li jippresenta risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilu jikkomunika mal-assenti minnu rasppresentat.

Dottor Edward Debono obbliga ruhu li jippresenta il-kambjali in kwistjoni mertu tal-kawza odjerna u dan permezz ta nota fir-Registru ta’ din il-Qorti.

Illi nhar s-sittax ta’ Marzu 2007, l-avukat difensur tal-attur ippresenta nota fir-Registru ta’ din il-Qorti flimkien ma wiehed w ghoxrin kambjala li gew immarkati bhala dok MAL 1 sa MAL 21.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici u n-nuqqas ta kontestazzjoni mill-konvenut dwar l-ammont mitlub, issib li t-talba taghha tirrisulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici is-

somma elfejn u ghoxrin lira u tnejn u erbghin centesmu maltin (LM2020.42) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra  l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------